



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13750/20
ADD 1
LIMITE
PV CONS 28
RELEX 982

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
7 ta' Diċembru 2020

WERREJ

Paġna

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3.	Ġrajjet Kurrenti	3
4.	Relazzjonijiet tranżatlantiċi	3
5.	Awtonomija strateġika.....	3
6.	Affarijiet oħra	4
ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill		5-9

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Ġrajjet Kurrenti

Il-Ministri fakkru l-Jum Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (10 ta' Diċembru) u laqgħu l-adozzjoni tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (punt A).

Dwar il-Venezwela, il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni fil-pajjiż wara l-elezzjonijiet leġiżlattivi tas-6 ta' Diċembru, li ma kinux meqjusa ħielsa, ġusti jew demokratiċi. Il-Kunsill enfasizza li l-Venezwela kellha bżonn b'mod urġenti soluzzjoni politika biex ittemm l-impass attwali u biex tippermetti t-twassil tal-assistenza umanitarja meħtieġa b'mod urġenti lill-poplu tagħha.

Dwar it-Turkija, il-Kunsill ħa nota tal-provokazzjonijiet u t-theddid kontinwi mit-Turkija u ddiskuta l-kwistjoni fid-dawl tal-EUCO.

Dwar il-Georgia, il-Kunsill esprima appoġġ kontinwu għall-proċess demokratiku fil-Georgia u l-isforzi ta' medjazzjoni mid-Delegazzjoni tal-UE.

4. Relazzjonijiet tranżatlantiċi

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Istati Uniti tal-Amerka. Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti, kif jinsabu fid-dokument 13724/20.

5. Awtonomija strateġika

Skambju ta' fehmiet

Ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta il-kwistjoni u l-elementi ewlenin għad-diskussjoni. Skambju ta' fehmiet kompli għaddej waqt l-ikla ta' nofsinhar f'ambjent informali.

6. Affarijiet oħra

Il-Ministri eżaminaw l-implimentazzjoni tal-Liġi tas-Sigurtà Nazzjonali imposta fuq **Hong Kong** fit-30 ta' Ġunju 2020. L-UE ser tkompli timplimenta l-miżuri maqbula f'Lulju 2020.

Il-Kummissjoni Ewropea infurmat lill-Ministri dwar it-tlestija b'suċċess tan-negozjati dwar ftehim ta' sħubija għdid biex jieħu post il-**Ftehim ta' Cotonou**.

L-Iżvezja infurmat lill-Ministri dwar l-eżitu tal-Kunsill Ministerjali tal-**OSKE** fit-3 u l-4 ta' Diċembru 2020.

Il-Ministri appellaw għal waqfien immedjat tal-ostilitajiet fl-**Etjopja** u appellaw favur l-isforzi ta' medjazzjoni kontinwi mill-UA, u l-ħtieġa għal aċċess umanitarju.

Il-Kunsill ħa nota tal-eżitu tal-konferenza Internazzjonali b'appoġġ għall-**poplu Libaniż** li saret fit-2 ta' Diċembru.

L-Ungerija tat informazzjoni dwar l-attakki reċenti fuq il-komunità Ungeriża fi Trans-Carpathia.

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni fil-**Belarussja** u dwar l-appoġġ kontinwu tal-UE.

Il-Kunsill ħa nota tal-intenzjoni tar-Rappreżentant Għoli li jiddiskuti l-**aspetti esterni tal-migrazzjoni** fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Affarijiet Barranin.

Il-Kunsill ħa nota tal-Laqgħa Ministerjali Informali tal-**UE27 u l-Amerka Latina u l-Karibew** li għandha tiġi ospitata mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ġermanja fl-14 ta' Diċembru.

Dikjarazzjoni għall-punti "B" 4 u 5 mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 13600/20

Dwar il-punt "B" **Relazzjonijiet tranżatlantiċi**
nru. 4:

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA U L-UNGERIJA

B'rabta mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti, il-Polonja u l-Ungerija jifhmu l-formulazzjoni "l-ugwaljanza bejn il-ġeneri" (paragrafu 1) bħala referenza għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, f'konformità mal-artikolu 2 u l-artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Dwar il-punt "B" **Awtonomija strateġika**
nru. 5:

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA

"Id-Danimarka tissottolinja l-importanza ta' separazzjoni ċara bejn diskussjonijiet formali u informali fil-livell tal-Kunsill. Kif imsemmi fil-ħin tal-adozzjoni tal-aġenda, dan għandu jiġi kkomunikat b'mod ċar ferm qabel il-laqgħat tal-Kunsill u b'rispett sħiħ tal-iskadenzi stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill. It-tibdil tal-istatus ta' punt fl-aġenda eżatt qabel laqgħa tal-Kunsill jgħaliq diffikultajiet għal xi Stati Membri vis-à-vis l-obbligi lejn il-parlamenti nazzjonali u għandu jiġi evitat."

Dikjarazzjonijiet għall-punti mhux leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 13602/20

Dwar il-punt "A" **Konklużjonijiet dwar il-Patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK**
nru 5: *Approvazzjoni*

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA U L-UNGHERIJA

"Fir-rigward tal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, il-Polonja u l-Ungerija jifhmu li l-formulazzjonijiet: "l-kwistjonijiet tal-ġeneru jiġu integrati fl-attivitajiet kollha" (paragrafu 8) u "li jipprovdu integrazzjoni aktar profonda u sistematika tal-aspetti [...] tal-ġeneru" (paragrafu 9, it-8 inċiż) huma referenza għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-artikolu 2 u artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

B'din il-kjarifika, il-Polonja u l-Ungerija jaċċettaw il-proposta dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt Ċivili tal-PSDK."

Dwar il-punt "A" **Konklużjonijiet dwar il-Medjazzjoni tal-Paċi tal-UE**
nru 6: *Approvazzjoni*

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA U L-UNGHERIJA

"Fir-rigward tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Medjazzjoni tal-Paċi tal-UE, il-Polonja u l-Ungerija jifhmu l-formulazzjonijiet "L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu [...] l-ugwaljanza bejn il-ġeneri [...]. F'dan il-kuntest l-integrazzjoni tal-ġeneri [...] hija prijorità speċifika għall-UE, u għalhekk il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għal miżuri speċifiċi f'dan ir-rigward" (paragrafu 6) huma referenza għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-artikolu 2 u artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

B'din il-kjarifika, il-Polonja u l-Ungerija jaċċettaw il-proposta dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Medjazzjoni tal-Paċi tal-UE."

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU

rigward ir-responsabbiltà primarja tal-istati rigward id-drittijiet tal-bniedem

"Il-Belġju jilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, u b'hekk jinħoloq reġim ta' sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem. L-UE hija bbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tipproteġi dawk id-drittijiet kemm fl-UE kif ukoll globalment. Id-drittijiet tal-bniedem jaqdu rwol ewlieni fl-iżgurar tal-paċi u s-sigurtà sostenibbli u huma pedament tal-azzjoni esterna tal-UE.

Għandu jkun ċar li l-Istati jerfġu r-responsabbiltà primarja li jiżguraw id-drittijiet tal-bniedem u jipproteġu l-popolazzjoni tagħhom minn ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Belġju għalhekk jilqa' l-Premessa 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, li tindika li l-"Istati għandhom ir-responsabbiltà primarja li jirrispettaw, jipproteġu u jaħdmu favur id-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-iżgurar tal-konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem."

Id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jobbliga lill-Istati jipproteġu individwi u gruppi kontra abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, joqogħdu lura milli jinterferixxu jew jillimitaw it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem u jieħdu azzjoni pożittiva biex jiffaċilitaw it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem.

L-aħjar mod biex fuq medda twila ta' żmien jiġi evitat ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem huwa li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-konflitt, jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u jissaħħu l-governanza u l-istituzzjonijiet. L-Istati għandhom għalhekk mhux biss jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw l-istrumenti bażiċi tad-dritt internazzjonali relatati mal-projbizzjoni u l-prevenzjoni ta' reati atroċi u l-protezzjoni ta' popli (vulnerabbli), iżda għandhom jistabbilixxu arranġamenti leġiżlattivi u istituzzjonali biex jindirizzaw il-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex iressqu lill-awturi quddiem il-ġustizzja.

Madankollu, meta Stat ma jkunx jista' jew saħansitra jkun manifestament mhux lest li jipproteġi l-popolazzjoni tiegħu, il-komunità internazzjonali trid tintervjeni permezz ta' azzjoni f'waqtha u xierqa.

Dawn id-dimensjonijiet differenti huma riflessi wkoll mill-kunċett tar-Responsabbiltà ta' Protezzjoni (R2P) żviluppat fil-livell tan-NU. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw bis-sħiħ il-kunċett tal-R2P.

L-UE tappoġġa b'mod attiv lill-Istati fl-isforzi tagħhom biex jipproteġu u jissodisfaw id-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024, djalogi bilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR). Madankollu dan jimplika wkoll li ma nistgħux nibqgħu siekta meta jkun hemm ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Ir-reġim ta' sanzjonijiet globali tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem għandu għalhekk jitqies f'dan id-dawl."

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU

rigward VMK

"Il-Belġju jilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, u b'hekk jinħoloq reġim ta' sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem. L-UE hija bbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tipproteġi dawk id-drittijiet kemm fl-UE kif ukoll globalment. Id-drittijiet tal-bniedem jaqdu rwol ewlieni fl-iżgurar tal-paċi u s-sigurtà sostenibbli u huma pedament tal-azzjoni esterna tal-UE.

Ir-reġim ta' sanzjonijiet b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem ser ikun strument addizzjonali fost l-għodod tal-UE sabiex jiġu protetti u promossi d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-reġim ta' sanzjonijiet għandu jkun effettiv sabiex jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem.

F'dak ir-rigward, il-Belġju jiddispijaċih li skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, id-deċiżjonijiet biex jiġu stabbiliti u emendati l-listi ta' sanzjonijiet ser ikollhom jittieħdu b'unanimità. Dan ir-rekwiżit ser ifixkel l-impatt tar-reġim ta' sanzjonijiet bħala waħda mill-għodod tagħna għad-drittijiet tal-bniedem u bħala strument ta' politika tal-PESK.

Il-Belġju jemmen li espansjoni bil-għaqal u mfassla tajjeb tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fi kwistjonijiet tal-PESK, inkluż fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u s-sanzjonijiet, tikkontribwixxi għal PESK tal-UE aktar effettiva u kredibbli fid-difiża tal-interessi u l-valuri tagħna, mingħajr ma jkunu miċħuda l-interessi fundamentali tal-Istati Membri. F'dak ir-rigward, il-Belġju jipproponi diskussjoni miftuħa u orizzontali dwar din il-kwistjoni taħt kundizzjonijiet xierqa, mhux marbuta ma' xi proposta speċifika inkwistjoni."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni tinnota li l-Kunsill irriżerva setgħat ta' implimentazzjoni għalih innifsu rigward il-miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-proċess għall-emendar u r-rieżami tal-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999. B'referenza għall-Artikolu 291(2) tat-Trattat, il-Kummissjoni tibqa' tal-fehma li kien ikun aktar adatt li s-setgħat ta' implimentazzjoni jingħataw lill-Kummissjoni. Fil-Kawża C-440/14 P, National Iranian Oil Company ("NIOC") vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li s-setgħat ta' implimentazzjoni jistgħu jingħataw lill-Kunsill f'"każijiet speċifiċi debitament ġustifikati." Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kawża tal-"NIOC" ma tistax titqies bħala preċedent għall-arranġamenti kollha dwar is-setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-regolamenti tal-Kunsill li jimponu miżuri restrittivi. Barra minn hekk, minħabba li l-kunċett ta' 'implimentazzjoni' jinkludi l-applikazzjoni tar-regoli għal każijiet speċifiċi permezz ta' atti ta' applikazzjoni individwali, huwa imperattiv li l-awtorità ta' implimentazzjoni tkun kapaċi tiggarrantixxi konformità mas-salvagwardji proċedurali kollha li tali individwi huma intitolati għalihom.

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

rigward VMK

Ir-reġimi tas-sanzjonijiet tal-UE huma stabbiliti permezz ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill stabbiliti b'unanimità (l-Artikolu 29 u l-Artikolu 31(1) tat-Trattat dwar l-UE). Skont it-Trattat, l-Artikolu 31(2) TUE (it-tielet inċiż), il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata meta jadotta "xi deċiżjoni li timplimenta deċiżjoni li tiddefinixxi azzjoni jew pożizzjoni tal-Unjoni". Dan huwa l-każ għal deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jemendaw l-annessi ta' persuni ddeżinjati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi r-reġim ta' sanzjonijiet.

F'konformità mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni espressa fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni tappella lill-Kunsill biex juża votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata biex jemenda l-annessi tar-reġimi ta' sanzjonijiet tal-UE skont il-proċeduri taħt l-Artikolu 31(2) TUE (it-tielet inċiż).